**JUNIOR LYCEUMS**

# ANNUAL EXAMINATIONS 2001

Educational Assessment Unit - Education Division

FORM 2 | RELIGION | Time: 1½hours

Name__________________________________ Class___________________

**L-EWWEL SEZZJONI - Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet:**

**1.** Għaliex il-ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli hu ta' mportanza kbira, u aktar u aktar għalina l-Maltin?

2. Semmi żewġ qaddisin kbar li taw eżempju qawwi u ġeneruż fl-imħabba u fl-għajnuna lejn dawk fil-bżonn.

3. X'tifhem bil-'Kolletta' tal-Quddiesa?

4. Xi tfisser il-kelma 'martirju'?

5. X'jagħmel id-dnub?

6. Fejn sar l-ewwel Konċilju tal-Knisja?

7. Semmi żewġ 'skills' biex ikun hemm tassew kommunikazzjoni effettiva.

8. Semmi żewġ saċerdoti Maltin u għal xiex baqgħu magħrufa.

9. Semmi żewġt idjar li għandha l-Knisja f'pajjiżna.

10. X'kien ix-xogħol tas-seba' djakni?

(20 marka)

**IT-TIENI SEZZJONI - Imla l-vojt b'dawn il-kliem t'hawn taħt:**

| |
|---|
| ġuħ, nagħaġ, ġusti, libbistuni, midinbin, safjin, Imgħallem, emmnu, ruħ, xulxin |

1. "Jien mhux il-________________ ġejt insejjaħ, iżda lill-___________________ għall-indiema." (Lq. 5, 3)
2. "Għax jien kont bil-_________________ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni.....kont għeri u _______________."
3. "Il-kotra l-kbira ta' dawk li _________________ kienu qalb waħda u _____________ waħda." (Atti 4, 32)
4. "Mela jekk jien il-Mulej u l-________________, ħsiltilkom saqajkom, hekk intom għandkom taħslu saqjan _____________". (Ġw. 13, 14)
5. "Ara, jiena qiegħed nibgħatkom bħal ________________ qalb l-ilpup. Kunu mela għaqlin bħas-srip u _________________ bħall-ħamiem." (Mt. 10, 16)

(10 marki)

---

**IT-TIELET SEZZJONI - Fisser f'sentenzi dawn il-kliem:**

1. L-ikla ta' l-Ewkaristija ______________________________________________________

______________________________________________________________________________

2. Karità ______________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

3. Knisja Kattolika ______________________________________________________________

______________________________________________________________________________

4. Il-Poplu l-Ġdid ta' Alla ___________________________________________________

______________________________________________________________________________

5. Parroċċa _____________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

6. Kmandamenti _________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

7. Konċilju Ekumeniku_____________________________________________________________

______________________________________________________________________________

8. Ir-Ragħaj it-Tajjeb ________________________________________________________

______________________________________________________________________________

9. Konverżjoni ____________________________________________

____________________________________________

10. Tagħlim ta' l-Appostli ____________________________________________

____________________________________________

(30 marka)

**<u>IR-RABA' SEZZJONI</u> - <u>Aqra s-silta t'hawn taħt u wieġeb il-mistoqsijiet</u>:**

## IL-MIĠJA TA' L-ISPIRTU S-SANTU

**"Meta wasal l-Għid il-Ħamsin, huma kienu lkoll flimkien f'post wieħed. F'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin. U dehrulhom ilsna qishom tan-nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom. Mtlew ilkoll bl-Ispirtu is-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, skond ma' l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu." (Atti 2)**

1. Għaliex il-ġrajja tal-Pentekoste hi mportanti għall-ħajja tal-Knisja?

____________________________________________

____________________________________________(2 marki)

2. Barra din il-ġrajja, x'kienet il-festa propja ta' l-Għid il-Ħamsin għall-Lhud?

____________________________________________

____________________________________________(2 marki)

3. "Kienu f'post wieħed." Fejn taħseb li kien dan il-post?

____________________________________________(1 marka)

4. X'nistgħu nsejħulu wkoll l-'Ispirtu s-Santu'?

____________________________________________ (1 marka)

5. Taħt liema forma deher l-Ispirtu s-Santu, u d-dixxipli xi bdew jagħmlu?

____________________________________________

____________________________________________(2 marki)

6. Il-ġrajja tal-Pentekoste hi l-maqlub tal-ġrajja f'Babel. X'tifhem bis-silta "bdew jitkellmu b'ilsna oħra", u x'tagħlima nieħdu minn din il-ġrajja?

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________(4 marki)

(12-il marka)

**IL-ĦAMES SEZZJONI - Agħżel TNEJN minn dawn li ġejjin, u fuq karta separata ikteb madwar 100 kelma fuq kull wieħed li tagħżel.**

1. "Mulej, xi kemm-il darba jrid jonqosni ħija biex jiena naħfirlu?" (Pietru lil Ġesù) (Mt. 18, 21)

Agħti raġunijiet għaliex għandna naħfru.

2. "U lkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien." (Atti 1, 14)
   a) X'inhu l-iskop tat-Talb?
   b) Is-siwi tat-Talb flimkien.

3. "Ġesù hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja." (Ġw. 14....)

   Kif għandna nħarsu lejn ir-Reliġjonijiet mhux insara.

(28 marka)